MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 73/2007

**A**

**-vs-**

**B; C; Direttur tar-Reġistru Pubbliku; L-Avukat Renzo Porsella-Flores u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b'digriet tad-9 ta' Marzu, 2007 inħatru Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw il-minuri D, u b'digriet tat-30 ta' Marzu, 2007, il-Prokuratur Legali Doreen Aquilina ġiet sostitwita bil-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-21 ta' Frar, 2007 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

1. Illi fit-28 ta' Ottubru tas-sena 2006 twieldet tifla D, skond ċertifikat tat-twelid numru ___ tas-sena ___ (anness u mmarkat bħala Dok. A);

2. Illi għalkemm fiċ-ċertifikat tat-twelid imsemmi ġie ddikjarat illi l-missier tat-tarbija huwa l-intimat B, fil-fatt il-minuri ġiet konċepita f'kors ta' relazzjoni li r-rikorrenti kellu ma' l-intimata C;

3. Illi r-rikorrent A jittratta l-minuri D bħala bintu, u l-minuri hija magħrufa bħala bint ir-rikorrent min-nies;

4. Illi l-paternita' ta' D tista' tiġi stabbilita permezz ta' testijiet ġenetiċi apposta;

5. Illi r-rikorrent għandu interess li jiġi rikonoxxut bħala missier it-tifla D;

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li r-rikorrent huwa l-missier naturali tal-minuri D li twieldet fit-28 ta' Ottubru, 2006;

2. Tordna l-korrezzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri D (Att Nru. ___ ta' l-___) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri tikkanċella l-isem 'B' u tissostitwih bl-isem 'A' u tordna wkoll illi l-partikolarijiet relattivi għall-professjoni, sengħa jew stat ieħor, għall-eta', għall-post tat-twelid u residenza, u għal isem u kunjom il-missier u jekk huwiex ħaj jew mejjet, in kwantu jirreferu għal missier il-minuri, jiġu korretti kontestwalment billi jiġu sostitwiti b'dawk il-partikolarijiet li sejrin jirriżultaw waqt is-smigħ tal-kawża;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati, jew min minnhom, inġunti għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fid-9 ta' Mejju, 2007, li permezz tagħha espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jeħtieġ li r-rikorrent jipprova l-impossibbilta' fiżika bejn il-konjuġi, u *cioe'* bejn l-intimati B u C.

3. *Inoltre*, mingħajr preġudizzju għas-suespost ukoll, ir-rikorrent għandu jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu stess sabiex jekk it-talbiet jintlaqgħu, dawn id-dettalji jkunu jistgħu jiġu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni. *Inoltre*, ir-rikorrent għandu jitlob ukoll li jekk it-talbiet attriċi jintlaqgħu, il-kliem "*the said*" għandhom jiġu kanċellati mill-kolonna li tispeċifika d-dettalji ta' l-omm u jeħtieġ li r-rikorrent jispeċifika x'għandu jkun il-kunjom tal-minuri in kwistjoni u jitlob korrezzjoni f'dan is-sens.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artiklu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m'huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-intimat, li għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta' l-istanti.

6. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x'jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Deputati, ippreżentata fl-10 ta' Mejju, 2007, li permezz tagħha esponew bir-rispett:

Illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawża iżda fi kwalunkwe każ jidher li l-kawża ma tistax trieġi billi talba bħal dik attriċi tmiss biss lill-minuri D, li hija intimata.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata (nota ta' ammissjoni) tal-konvenuta C, ippreżentata fil-5 ta' Ġunju, 2007, li permezz tagħha esponiet bir-rispett u bil-ġurament tagħha kkonfermat:

1. Illi l-esponenti tammetti bħala veritieri t-talbiet attriċi kif dedotti kontra tagħha *stante* li huwa minnu li t-tarbija bl-isem ta' D li twieldet nhar it-28 ta' Ottubru tas-sena 2006 hija frott relazzjoni ta' l-esponenti mar-rikorrent u għaldaqstant hija bintu naturali.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali, u senjatament il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif titlob il-liġi.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ġunju, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat ir-rapport tad-DNA.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob dikjarazzjoni li t-tarbija li kellha l-konvenuta C, u rreġistrata bħala bint ir-raġel tagħha B, hija fil-fatt tiegħu minn relazzjoni li kellu magħha. Il-konvenut ikkonferma dan meta xehed fis-seduta tad-9 ta' Ġunju, 2008. Jirriżulta li l-konvenuta u żewġha ilhom żmien separati *de facto*.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk:

"*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artiklu 77 tal-Kodiċi Civili (Spiteri pro et noe vs Cilia et, fost oħrajn, 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waħedha mhux biżżejjed (Artiklu 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili), meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*"

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża u ma hemm ebda dubju dwar it-talba ta' l-attur, u anke f'dan il-każ hemm ammissjoni ċara. Rigward l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-Artiklu 254 ġie sodisfatt billi l-pubblikazzjoni saret, kif *gia'* ingħad.

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna li l-konnotati ta' l-attur (kif indikati fil-verbal tad-9 ta' Ġunju, 2008) jiġu mdaħħla minflok dawk tal-konvenut B fl-att tat-twelid imsemmi fir-rikors. L-ispejjeż jitħallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------